Parlament Ewropew
2014-2019

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2018/0318(NLE)

25.10.2018

***

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI

proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim ta' status bejn l-Unjoni Ewropea u l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.
(COM(2018)0611 – C8-0000/2018 – 2018/0318(NLE))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Bodil Valero

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim ta' status bejn l-Unjoni Ewropea u l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.
(COM(2018)0611 – C8-0000/2018 – 2018/0318(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2018)0611),

– wara li kkunsidra [l-abbozz ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja] (XXXXX/2018),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni mressqa mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 77(2)(b) u (d) u l-Artikolu 79(2(c) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0000/2018),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0000/2018),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

NOTA SPJEGATTIVA

a. Sfond

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta għandha l-għan li tapprova l-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja kif previst fir-Regolament (UE) 2016/1624 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta.

Ir-Regolament imsemmi hawn fuq jipprevedi possibbiltajiet differenti fejn l-Aġenzija tikkoopera ma' pajjiżi terzi. Il-kunċett ta' ftehim dwar l-istatus huwa li jipprovdi qafas legalment vinkolanti għall-operazzjonijiet tal-Aġenzija fejn membri tat-tim b'setgħat eżekuttivi jintbagħtu fit-territorju tal-pajjiż terz. L-Artikolu 54(4) tar-Regolament (UE) Nru 2016/1624 jipprevedi b'mod espliċitu li, f'każijiet fejn ikun previst li jintbagħtu timijiet Ewropej ta' Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta f'pajjiż terz f'azzjonijiet fejn il-membri tat-tim ikollhom setgħat eżekuttivi, jew fejn azzjonijiet oħra f'pajjiżi terzi jirrikjedu dan, għandu jiġi konkluż ftehim dwar l-istatus bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat.

L-iskop tal-ftehim dwar l-istatus huwa li jkopri l-aspetti kollha li huma meħtieġa għat-twettiq tal-azzjonijiet tal-Aġenzija f'pajjiżi terzi. Barra minn hekk, għandu jistipula l-ambitu tal-operazzjoni, ir-responsabbiltà ċivili u penali u l-kompiti u s-setgħat tal-membri tat-timijiet li jintbagħtu f'pajjiż terz. Il-ftehimiet dwar l-istatus għandhom jiggarantixxu wkoll ir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' lment iddedikati li għandhom jintużaw f'każ ta' ksur tad-drittijiet fundamentali matul dawn l-operazzjonijiet.

Il-Ftehim dwar l-Istatus mal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja huwa t-tieni ftehim ta' negozjati konkluż ma' pajjiż terz fis-serje ta' negozjati dwar ftehim dwar l-istatus mibdija mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

b. Pożizzjoni tar-Rapporteur

Ir-rapporteur tqis li l-konklużjoni ta' ftehimiet formali u legalment vinkolanti fil-qafas ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, għall-kuntrarju tal-konklużjoni ta' arranġament informali ta' ħidma, hija ta' importanza kruċjali sabiex jiġu żgurati t-trasparenza, l-iskrutinju pubbliku u s-sorveljanza demokratika dwar tali kooperazzjoni. Madankollu, kwalunkwe ftehim konkluż bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għandu jitqies b'attenzjoni, għandu jkollu valur miżjud u għandu jkun strettament neċessarju u proporzjonat f'termini ta' skop u ta' kontenut.

Għalhekk, il-konklużjoni ta' Ftehimiet dwar l-Istatus hija kruċjali, mhux biss biex jiġu żgurati t-trasparenza u r-responsabbiltà tal-kooperazzjoni operattiva tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ma' pajjiżi terzi, iżda wkoll biex jiġi żgurat qafas ċar għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE. Il-Ftehim dwar l-Istatus għandu jiżgura wkoll il-protezzjoni tad-Drittijiet Fundamentali u jenfasizza d-dmir tal-membri tat-tim li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, b'mod speċifiku fir-rigward tal-aċċess għal proċeduri tal-asil, id-dinjità tal-bniedem u l-projbizzjoni tat-tortura, it-trattament inuman jew degradanti, id-dritt għal-libertà, il-prinċipju ta' non-refoulement u l-projbizzjoni tat-tkeċċijiet kollettivi, id-drittijiet tat-tfal u d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u

tal-familja fi ħdan l-ambitu tal-ftehim. Barra minn hekk, huwa għandu jistabbilixxi b'mod sistematiku l-obbligu li jiġu stabbiliti u jitħaddmu mekkaniżmi ta' lment effettivi b'rabta mad-drittijiet fundamentali, f'konformità mal-Artikolu 72 tar-Regolament (UE) 2016/1624, li jiżguraw il-possibbiltà ta' rimedju f'każ ta' ksur tad-drittijiet fundamentali waqt it-twettiq ta' operazzjonijiet fil-qafas ta' din il-kooperazzjoni.

Sabiex jiġi ffaċilitat tħaddim funzjonali u tajjeb tal-Aġenzija fil-ġejjieni rigward il-kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi, ir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, il-protezzjoni tad-data u l-privatezza għandhom jitqiesu bis-sħiħ ukoll fil-ftehimiet futuri. Statuses legali sodisfaċenti tal-membri tat-tim b'regoli ċari dwar ir-responsabbiltà penali, ċivili u amministrattiva għandhom dejjem jiġu inklużi sabiex tiġi żgurata responsabbiltà adegwata. F'dak li jirrigwarda n-negozjati futuri biex jiġu stabbiliti ftehimiet dwar l-istatus, ir-Rapporteur tistieden lill-Kummissjoni biex dejjem twettaq valutazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem/tad-drittijiet fundamentali tal-pajjiż terz inkwistjoni qabel ma timpenja ruħha fin-negozjati u biex tikkomunika fil-pront ir-riżultat ta' tali valutazzjoni lill-Parlament Ewropew.

Rigward l-iżvilupp tar-Regolament tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-qasam tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, ir-Rapporteur tenfasizza l-importanza li jiġi evitat it-twessigħ tal-ambitu tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi lil hinn minn dawk li jikkondividu fruntiera tal-art esterna ma' Stat Membru, f'konformità mal-mandat tal-Aġenzija li tappoġġja lill-Istati Membri fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE.

Fid-dawl tal-konklużjoni tal-ftehimiet dwar l-istatus li jmiss ma' pajjiżi terzi, ir-Rapporteur tistieden lill-Kummissjoni biex minnufih tagħmel disponibbli u pubbliċi d-dokumenti kollha li huma meħtieġa biex il-Parlament iwettaq il-ħidma istituzzjonali tiegħu u jibda l-proċeduri ta' approvazzjoni rilevanti skont l-Artikolu 99(1) u (4) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, inkluż l-abbozz tal-verżjonijiet tal-Ftehim dwar l-Istatus qabel il-konklużjoni tiegħu. Dan jiżgura trasparenza u skrutinju pubbliku xieraq u sorveljanza demokratika ta' ftehimiet bħal dawn.

Bħala konklużjoni, ir-Rapporteur tqis li l-ftehim dwar l-istatus propost huwa konsistenti mal-mudell tal-ftehim dwar l-istatus kif previst fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kontenut u d-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu inklużi fil-ftehim finali.

Peress li dan il-ftehim dieħel fil-fażi ta' implimentazzjoni, il-Parlament jitlob li l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta tinforma minnufih lill-Parlament Ewropew dwar l-attivitajiet imwettqa bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar l-Istatus, u jfakkar lill-Aġenzija fl-obbligu tagħha li tinkludi valutazzjoni tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fir-rapporti annwali tagħha skont l-Artikolu 54(11) tar-Regolament (UE) Nru 2016/1624.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-rapporteur tirrakkomanda li l-Parlament japprova l-abbozz tat-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill.